MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 677/2012

**Hydroelectric Limited [C-9039]**

**vs**

**Elevator DC Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-27 ta' Settembru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' hames mija u ghoxrin euro u sitta u hamsin ċenteżmi ta' euro [€520.56c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta konvenuta ghandha tiġi kkundannata thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' hames mija u ghoxrin euro u sitta u hamsin ċenteżmu (€520.56c) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata mis-socjeta attriċi (kopja statement Dok. A);

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, fit-3 ta’ Mejju, 2013 (tergo ta’ fol. 19), ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-8 ta’ Mejju, 2013, nhar is-26 ta’ Gunju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-26 ta’ Gunju, 2013 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ hames mija u ghoxrin euro u sitta u hamsin ċenteżmi ta’ euro [€520.56c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------